is-sejħa primarja tiegħu u kien obbligat li jwassalha l-ewwel lil-Lhud, imbagħad lill-Griegi u lill-ġentili. Fi kliem ieħor, ħadd ma kien eskluż minn din l-istedina tas-salvazzjoni fi Kristu. Għal Pawlu, il-Kelma ta' Alla kienet qawwija u kapaċi ġġib l-effett bħal 'xabla li taqta' minn żewġt ixfar'. Mhux ta' b'xejn li fl-ikonografija nisranija, Pawlu dejjem insibuh bil-ktieb f'id waħda u bix-xabla misnuna tal-fidi fl-id l-oħra. Fl-Ittra tiegħu lill-Efesin jgħidilhom: 'Aqbdu l-elmu tar-rebħa u s-sejf tar-Ruħ, li hu l-Kelma ta' Alla!' Din il-kelma hu wassalha bil-kelma ħajja tiegħu u fejn ma laħaqx wasal leħnu, dar għall-kitba. Bis-saħħa t'hekk, illum għadna nistgħu nitpaxxew bit-tagħlim li ħallielna fl-Ittri tiegħu. Dawn l-Ittri l-Knisja dejjem għożżithom u sostnew bil-kbir id-depożitu tat-tagħlim rivelat tagħha.

Bħal Pawlu hekk għamlu l-appostli sħabu. Wara ż-żmien ta' l-appostli ġew il-Padri Appostoliċi, jiġifieri Missirijiet il-Knisja li ġew immedjatament wara l-appostli u warajhom Missirijiet il-Knisja oħrajn li b'tagħlimhom dawlu lill-insara ta' żmienhom u ta' warajhom. Tul dawn l-elfejn sena ta' Kristjaneżmu l-Knisja dejjem qieset li x-xandir tal-kelma bħala l-akbar dmir u l-missjoni primarja tagħha. Il-mandat ta' Ġesù huwa ċar: 'Morru u għallmu l-ġnus kollha! – Morru u għamlu dixxipli mill-ġnus kollha!' Il-Knisja ma tistax ma tismax u ma tobdix dan l-amar. Li kieku l-Knisja jkollha tittraskura dan il-kmand, tkun qed tittradixxi l-missjoni tagħha.

L-Ispirtu s-Santu li jsostni lill-Knisja m'hu se jħalli qatt li dan iseħħ.

Tant missjunarji, tant organizazzjonijiet u movimenti fi ħdan il-Knisja tul dawn l-elfejn sena, tant konċilji, enċikliċi, dokumenti, katekiżmi uffiċjali tal-Knisja – kollha bil-għan biex Kristu jkun imxandar u l-poplu ta' Alla jkollu d-dawl fil-pellegrinaġġ tal-ħajja tiegħu. Il-Kelma ta' Alla hija dawl li jkeċċi d-dlam: 'Musbieħ għal riġlejja kelmtek; dawl fil-mogħdijiet tiegħi'.

Fi żmien meta f'kull dixxiplina u professjoni qed ikun irrakkomandat bil-kbir u indispensabilment il-bżonn li wieħed ikun mgħallem, kif jista' wieħed jippretendi li jkun nisrani tajjeb jekk ma jkunx mgħarraf u mgħarraf tajjeb ħafna dwar il-fidi tiegħu? Quddiem tant pluralizmu ta' ideoloġiji u modi ta' ħajja, kif jista' wieħed jippretendi li jgħix il-ħajja nisranija tiegħu jekk ikun sajjem minn dak li suppost ta ħajtu għalih u li fuqu jiddependi l-ġejjieni etern tiegħu? Quddiem nies ta' reliġjonijiet oħra li kultant iħabbtu l-bibien ta' djarna kif se nweġbuhom meta dawn jisfidawlna twemminna? It-twissija li Pietru kien ta lill-insara ta' żmienu għadha attwali u attwali immens għalina llum: '.. kunu dejjem inħejjijin biex twieġbu lil kull min jistaqsikom il-għala tat-tama li għandkom fikom' (I Pt 3:15).

Societas Doctrinæ Christianæ – M.U.S.E.U.M.
Kummissjoni Appostolat għall-Adulti
Website: www.sdcmuseum.org
Email: kummissjoni.adulti@sdcmuseum.org



# Is-Smigħ u x-Xandir tal-Kelma ta' Alla



Disinn u Stampar: Veritas Press, Żabbar. Tel: 21 822 270

**“Il-fidi mis-smigħ, u s-smigħ tal-Kelma ta’ Alla” (Rum 10: 17)**

Fl-ekonomija tas-Salvazzjoni, jiġifieri, fil-mod kif Alla għoġbu li sseħħ u ġġib is-salvazzjoni, ix-xandir tal-kelma għandu importanza kbira. Alla irrevela lilu nnifsu billi tkellem mal-bniedem. Kellem u sejjaħ lil Abraham u hekk tul il-mixja tas-snin kompla juri min hu permezz ta’ bnedmin u mhux biss urihom min kien talli wkoll bagħathom iwasslu dan it-tagħrif lil ħuthom. Alla qajjem bosta bnedmin u tahom is-sejħa profetika. Dawn il-bnedmin xogholhom kien li jxandru dak li Alla ried iwassal lill-poplu u kienu jitkellmu fl-isem ta’ Alla. Uħud minnhom waslu li jiktbu dan it-tagħrif u llum dan ix-xandir tagħhom insibuh imniżżel fil-Kotba Mqaddsa.

Is-smigħ tal-Kelma ta’ Alla hija l-bidu u s-sostenn tal-fidi. Wieħed ma jistax jistenna li jkun jaf dwar Alla jekk ikun sajjem minn dak li Alla għoġbu jgħarrfilna dwaru. Dan it-tagħrif insibuh fir-Rivelazzjoni, jiġifieri, l-Iskrittura u t-Tradizzjoni. Bi Tradizzjoni nifhmu l-Maġisterju tal-Knisja, jiġifieri, l-Uffiċċju tal-Knisja bħala dik l-awtorità mogħtija lilha minn Kristu li tfissrilna u tinterpretalna l-Iskrittura u d-Duttrina tal-fidi.

San Ġirolmu jgħidilna li min ma jafx l-Iskrittura ma jafx lil Kristu. U bir-raġun għaliex kif wieħed jippretendi jkun jaf persuna jekk ma jinteressahx isir jaf min hi u dak kollu li għandu jkun jaf dwarha?

L-akbar u l-ogħla rivelazzjoni li Alla tana tiegħu nnifsu seħħet ‘fil-milja taż-żminijiet’ meta Alla bagħtilna lil Ibnu mwieled għalina. Ġesù Kristu mhux biss ir-Rivelatur il-kbir ta’ Alla imma huwa nnifsu hu l-istess Rivelazzjoni ta’ Alla. Huwa l-istess Kelma ta’ Alla, il-*Verbum Dei*, il-*Logos* li, waqt li baqa’ Alla sar bniedem bħalna . ‘Min jara lili jara lil Missieri’. San Pawl jgħidilna li Ġesù huwa ‘x-xbieha ta’ Alla li ma jidhirx’ u jkompli li ‘fih tgħammar il-milja kollha tad-divinità fil-ġisem.’

Dan Ġesù deher fid-dinja bħala għalliem, rabbi, li għadda jgħallem u jxandar il-bxara t-tajba. Hu stess qalilna li ‘min hu min Alla, jisma’ l-kelma t’Alla’. Qalilna, ‘Min iħobbni jħares kliemi, Missieri jħobbu u aħna niġu u ngħammru għandu’. Saħansitra l-prova li wieħed iħobb tassew lil Alla hija li wieħed jisma’ l-kelma li Ġesù qalilna. Meta ngħidu ‘tisma’ jfisser li mhux sempliċiment tisma’ b’widnejk imma li tħalli l-kelma tinżel f’qalbek u tbiddlek u tasal li tgħix skond dak li tgħidlek l-istess kelma. Huwa bħal meta fil-Malti ngħidu: ‘Isma’ minni’, jiġifieri, agħmel dak li qed ngħidlek, obdini. Għalhekk Ġesù jgħid: ‘Mhux min jgħidli Sinjur, Sinjur jidħol fis-saltna tas-smewwiet imma min jagħmel ir-rieda ta’ Missieri li qiegħed fis-smewwiet, dak hu li jidħol fis-saltna tas-smewwiet.’ Hu stess uriena fil-prattika kemm għalih li jagħmel ir-rieda ta’ Missieru kienet l-aktar ħaġa importanti: ‘L-ikel tiegħi hu li nagħmel ir-rieda ta’ Min bagħatni.’

Meta Ġesù ra li kien wasal biex iħalli d-dinja u tibda l-ħidma tal-Knisja permezz ta’ l-appostli, x’kienet il-missjoni li tahom? ‘Morru u għallmu l-ġnus kollha dak kollu li għallimtkom. Min jemmen u jitgħammed isalva min ma jemminx ikun ikkundannat.’ Qalilhom ukoll: ‘Dak li smajtu fil-widnejn xandruh minn fuq il-bjut’.

Sa minn dak in-nhar ta’ Pentekoste, l-appostli ntefgħu għax-xandir tal-kelma u bosta li semgħuhom laqgħu kliemhom, emmnu u tgħammdu. Meta l-appostli minħabba x-xogħol kbir li ta’ kuljum beda kulma jmur aktar jikbrilhom u ma baqgħux ilaħħqu mat-tqassim tal-karitajiet, fost il-Hellenisti nsara f’Ġerusalemm, beda jkun hemm it-tgergir. L-appostli, imlaqqgħin flimkien qatgħuha li ma jkunx sew li huma jwarrbu x-xandir tal-kelma biex iqassmu l-ikel fost il-foqra. Kien għalhekk li għall-ewwel darba fl-Istorja tal-Knisja l-Ispirtu ispirahom biex iwaqqfu l-istituzzjoni tad-djakni biex b’hekk huma jkunu jistgħu jintefgħu b’ruħhom u b’ġisimhom għax-xandir tal-kelma – il-missjoni numru wieħed li għaliha Kristu kien bagħathom fid-dinja.

‘Il-fidi mis-smigh u s-smigh tal-Kelma ta’ Alla!’ Hekk kiteb l-appostlu Pawlu lill-insara ta’ żmienu. Pawlu kien ix-xandar tal-Vanġelu ta’ Kristu per eċċellenza tal-baċir tal-Mediterran. Kulfejn mar ma kienx jitlef l-okkażjoni li jgħallem. Il-pjan tiegħu kien li l-ewwel jindirizza lil ħutu l-Lhud fis-sinagoga ta’ kull post li kien jasal fih. Meta dawn ma jaċċettawhx u jagħmlulu l-bsaten fir-roti, kien idur lejn il-ġentili, jiġifieri l-pagani.

Pawlu kien iħoss li l-predikazzjoni kienet

# Is-Smigħ u x-Xandir tal-Kelma ta’ Alla